RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM


Fuq ġewwa bosta programmi ġodda għall-ħarifa

**Programmi ĠODDA**


**Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)** | Nru **95** – Ottubru/Diċembru 2019




# Gass mal-pjanċa




# Gass mal-pjanċa



Gass mal-pjanċa kemm trid! Imma xi darba il-fjuwil jispiċċa. Tant jispiċċa li wara ġurnata tintefa' fis-sodda u torqod lanqas taf kif. Xi kultant il-fjuwil jispiċċa wara snin,...

**Fr Antoine Borg** Direttur ta' Radju Marija

*Għeżież ħbieb li tafuna u oħrajn li ma tafuniex!*

Nerġgħu nibdew! Xogħol, skola, ħin tax-xitwa, duttrina u fuq kollox ritmu mgħaġġel tal-ħajja, ir-ritmu sfrenat tal-ħajja li taħseb biss fuqu, ukoll iħossok ħażin. Kif ngħidu gass mal-pjanċa.

Gass mal-pjanċa biex inlaħħqu ma' xiex?!

Ma' xi ħaġa dejjem ġdida, ma' xi ħaġa li qatt ma lestejt, ma' xi ħaġa li qatt ma nista' nsib tarfha. Xi kultant forsi nipprova nżid iktar gass mal-pjanċa biex forsi nlaħħaq u nispiċċa ma nlaħħaqx xorta waħda.

Gass mal-pjanċa kemm trid! Imma xi darba il-fjuwil jispiċċa. Tant jispiċċa li wara ġurnata tintefa' fis-sodda u torqod lanqas taf kif. Xi kultant il-fjuwil jispiċċa wara snin, għax timrad wara tant ħidma u anki forsi bl-istess xogħol. Jispiċċa wkoll minħabba ċirkustanzi li ma jkollokx kontrol fuqhom. U fl-aħħar tieqaf għax dak li tkun ippjanajt ikun sarlek kollu suf jew inkella tħabbatt għalxejn għax ma fehmukx.

Radju Marija jkompli miegħek biex filwaqt li tkun gass mal-pjanċa jgħinek biex tieqaf permezz tar-Rużarju kuljum biex tħoss it-tgħanniqa tal-Madonna.

Gass mal-pjanċa flimkien ma' Radju Marija permezz tal-quddiesa ta' kuljum biex ruħek titmantna biċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li ssaħħek għat-triq fil-bidu jew l-għeluq tal-jum.

Ma' Radju Marija li, waqt li tkun għaddej b'ħajtek gass mal-pjanċa, joffrilek l-Evanġelju meditat biex moħħok jinfetaħ għal kliem u riflessjoni ta' kuraġġ.

Gass mal-pjanċa ma' Radju Marija permezz tal-mużika spiritwali li tħenni lil ruħek qalb l-għeja ta' kuljum.

Mela gass mal-pjanċa bil-kuruna, bil-Bibbja u bl-Ewkarisitja mhux bil-ġiri għax taqta' nifsek u wisq inqas bil-karozza għax tispiċċa ħażin.

Suqu bil-għaqal.





**"Gass mal-pjanċa ma' Radju Marija permezz tal-mużika spiritwali li tħenni lil ruħek qalb l-għeja ta' kuljum."**



# Skeda tal-programmi għall-ħarifa

Bejn it-Tnejn 30 ta' Settembru u l-Ħadd 29 ta' Diċembru 2019

## It-Tnejn

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Għajn ta' ġid (rpt) |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | Viva Malta (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Teżor u ġawhra prezzjuża (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Il-Monasteri fi Franza (rpt) |
| 05.30am | Labirint, it-tiftixa t'Alla (rpt) |
| 06.00am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 11.00am | Ara Ommok |
| 12.00pm | Anġelus/Rużarju tat-trabi mhux imwielda |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso |
| 01.30pm | Jien - Int - Aħna - Flimkien.(rpt) |
| 02.30pm | Fix-xebh tiegħu |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Sammartni Mulej! |
| 04.00pm | O Żmien Ħelu |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Taħdita (rpt) |
| 08.00pm | Il-Kuruna |
| 08.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso (rpt) |
| 09.00pm | Inbid ġdid |
| 10.00pm | Inti f'salib it-toroq? |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Aħbarijiet (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

## It-Tlieta

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Sejjaħli u jien inwieġbek (rpt) |
| 01.30am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 02.00am | L-Aħwa wasalna? (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Il-ħajja ta' San Ġwann tas-Salib (rpt) |
| 05.30am | Vuċi missjunarja (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 11.00am | Kunu xhieda tiegħi |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel |
| 01.00pm | Tiżwiqa mużikali |
| 02.00pm | Jiena hu l-Ħobz tal-Ħajja |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.20pm | Għand in-Nutar |
| 04.00pm | Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tgħallimna |
| 04.30pm | Mur sewwi l-knisja tiegħi |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Kont marid u ġejtu żżuruni |
| 09.00pm | Kelma ta' Wens |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Aħbarijiet (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

## L-Erbgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) |
| 01.30am | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 02.00am | Klassiċi u sagri (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Il-Kuruna |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Sammartni Mulej! (rpt) |
| 05.00am | Magazine (rpt) |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 11.00am | Tifkiriet ta' nostalġija |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 01.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 01.30pm | Ħames ħobżiet u żewġ ħutiet |
| 02.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Miraklu ta' Radju Marija |
| 04.00pm | Lejn fejqan mill-għira |
| 04.30pm | Il-Qdusija fl-Ekumeniżmu |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Għejun ta' ilma frisk u dejjem ħaj |
| 08.30pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 09.00pm | Għajn ta' ġid |
| 10.00pm | Sejjaħli u jien inwieġbek |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Aħbarijiet (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

## Il-Ħamis

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Ara Ommok (rpt) |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | O Żmien Ħelu (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | It-Tabib tar-Ruħ (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Fix-xebh tiegħu (rpt) |
| 05.00am | Inbid ġdid (rpt) |
| 06.00am | Sammartni Mulej! (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 11.00am | Jien - Int - Aħna - Flimkien |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mużika Country b'ispirazzjoni |
| 02.30pm | Teżor u ġawhra prezzjuża |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Rumanz - Qari minn Vince Palmier |
| 04.00pm | Mid-djarju tal-Papa |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Kunu Xhieda Tiegħi (rpt) |
| 09.00pm | Il-ħajja ta' San Ġwann tas-Salib |
| 10.00pm | Klassiċi u sagri |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Aħbarijiet (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

# Skeda tal-programmi għall-ħarifa

Bejn it-Tnejn 30 ta' Settembru u l-Ħadd 29 ta' Diċembru 2019

## Il-Ġimgħa

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Tifkiriet ta' nostalġija (rpt) |
| 01.30am | Rużarju tad-Duluri |
| 02.00am | Jien hu l-ħobż tal-ħajja (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Ħames ħobżiet u żewġ ħutiet (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Kelma ta' Wens (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 11.00am | Vanġelu ħaj |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tad-Duluri |
| 01.00pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso |
| 01.30pm | Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt) |
| 02.00pm | Labirint, it-tiftixxa t'Alla |
| 02.30pm | Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Jigsaw Puzzle |
| 04.00pm | Il-Monasteri fi Franza |
| 05.00pm | Vjaġġ mużikali |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Għasar |
| 07.15pm | Aħbarijiet |
| 07.30pm | L-Aħwa wasalna? |
| 08.30pm | Rumanz - Qari minn Anton Grasso (rpt) |
| 09.00pm | Vuċi missjunarja |
| 10.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt) |
| 10.30pm | Santa Tereża tal-Bambin Ġesù (rpt) |
| 11.00pm | Mill-Vanġelu / Milli Qrajt (rpt) |
| 11.30pm | Aħbarijiet (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

## Is-Sibt

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Jien - Int - Aħna - Flimkien(rpt) |
| 01.30am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 02.00am | Inti f'salib it-toroq? (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Għejun ta' ilma frisk u dejjem ħaj (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Mid-djarju tal-Papa (rpt) |
| 05.30am | Il-Qalb tiegħi tirbaħ (rpt) |
| 06.30am | Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Anġelus / Kuntatt |
| 10.00am | Mill-Vanġelu tal-ġurnata |
| 10.20am | Għand in-Nutar (rpt) |
| 11.00am | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca |
| 12.00pm | Anġelus/Rużarju tat-trabi mhux imwielda |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Magazine |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Kireh u bileh! |
| 04.30pm | It-Tabib tar-ruħ |
| 05.00pm | Vuċi missjunarja (rpt) |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.15pm | Għasar |
| 07.30pm | Teżor u ġawhra prezzjuża (rpt) |
| 08.00pm | Vanġelu ħaj (rpt) |
| 09.00pm | Viva Malta (rpt) |
| 10.00pm | Rumanz- Qari minn Vince Palmier (rpt) |
| 10.30pm | Mur sewwi l-knisja tiegħi (rpt) |
| 11.00pm | Lejn fejqan mill-għira (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |

## Il-Ħadd

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Il-Qdusija fl-Ekumeniżmu (rpt) |
| 01.30am | Chaplet of St. Michael |
| 02.00am | Tiżwiqa mużikali (rpt) |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) |
| 05.30am | Mużika country b'ispirazzjoni (rpt) |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Jum il-Mulej |
| 08.15am | Angelus / Tifħir ta' sbieħ il-jum |
| 08.30am | Vangelu Haj (rpt) |
| 09.20am | Il-miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | Quddiesa |
| 11.00am | Kireh u bileh! (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mid-Djarju tal Papa (rpt) |
| 02.00pm | Il-Ħadd Kumpanija |
| 03.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 05.00pm | Il-Qalb tiegħi tirbaħ! (rpt) |
| 06.00pm | Anġelus u Rużarju |
| 06.30pm | Għasar |
| 07.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) |
| 08.00pm | Jum il-Mulej (rpt) |
| 09.00pm | Magazine (rpt ) |
| 11.00pm | Fix-xebh tiegħu (rpt) |
| 11.50pm | Kompieta |



## Appuntamenti fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tal-ħarifa 2019

### Quddiesa:

Mit-Tnejn sas-Sibt: fis-7.30am u fis-6.30pm
Il- Ħadd: fl-10.00am

### Rużarji:

- Ir-Rużarju Mqaddes: f'12:00am, fl-4.00am, fis-7.00am, f'12.00pm, fis-6.00pm
- Minn din l-Iskeda : Ir-Rużarju tat-Trabi mhux imwielda – nhar ta' Tnejn u Sibt f'12.00pm
- Rużarju tad-Duluri: Il-Ġimgħa fis-1.30am u fin-12.30pm
- Rużarju ta' San Ġużepp: L-Erbgħa fis-1.30am u fin-12.30pm
- Rużarju tal-Erwieħ: It-Tlieta u s-Sibt fis-1.30am It-Tnejn, il-Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd fin-12.30pm
- Ir-Rużarju ta' San Mikiel : It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt fis-6.30am u t-Tlieta fin-12.30pm
- Chaplet of St Michael: It-Tnejn, il-Ħamis u l-Ħadd fis-1.30am u t-Tlieta fit-3.30am

### Anġelus:

- Kuljum fit-8.00am, f'12.00pm u fis-6.00pm

### Kurunella tal-Ħniena Divina:

- Kuljum fit-3.00am u fit-3.00pm

### Liturġija tas-sigħat:

- Tifħir tas-sbieħ il-jum: fit-8.15am
- Għasar: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.00pm, is-Sibt fis-7.15pm u l-Ħadd fis-6.30pm
- Talb ta' għeluq il-jum: f'11.50pm
- Kompieta għall-miżżewġin: Is-Sibt u l-Ħadd fil-11.30pm

### Aħbarijiet:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-7.15pm u fil-11.30pm

# Ftit mill-programmi ġodda li ser jixxandru fl-iskeda tal-ħarifa 2019




*Minn fejn ġej il-vizzju tal-għira? Nistgħu negħlbuh dan il-vizzju? Kif infiqu minnu, b'metodu Nisrani?*




*Naraw ukoll kemm din it-talba hi għażiża għall-Madonna fejn fid-dehriet li seħħew uriet......*



*Bla ma ressquh quddiem Qorti għadda 13-il sena ħabs fejn kiteb il-ktieb 'Ħames Ħobżiet u Żewġ Ħutiet'. Ġie meħlus iżda safa eżiljat minn pajjiżu.*




**Lejn Fejqan mill-Għira**
Fr. David Borg OFM Conv.

Minn fejn ġej il-vizzju tal-għira? Nistgħu negħlbuh dan il-vizzju? Kif infiqu minnu b'metodu Nisrani? Dan kollu se jiġi ttrattat f'sensiela ta' programmi ta' nofs siegħa l-wieħed.
L-ewwel se niddeskrivu l-VIZZJU b'mod ġenerali, biex nifhmu aħjar dan il-vizzju x'inhu u x'mhuwiex, kif jista' jolqotna, u fejn jidħol id-dnub. Imbagħad se nanalizzaw fil-fond minn fejn jista' jkun ġej dal-vizzju, jiġifieri nidħlu fil-KAWŻI kumplessi, dawk li jidhru u dawk moħbija. Inkomplu nimxu billi naraw ukoll l-EFFETTI ta' ħsara li jistgħu jinqalgħu. Wara, nesponu l-mezzi li bihom wieħed jista' JFIQ, u b'hekk jasal għall-ħelsien sħiħ u l-paċi tal-qalb. Ikun hemm ukoll ħin għad-domandi tagħkom.

**Il-Kuruna**
Fr. Antoine Borg.

Programm li jitkellem fuq ir-Rużarju. Minn fejn beda u kif ġiet iffurmata din it-talba. Nagħtu wkoll ħarsa lejn qaddisin kbar li xerrdu din id-devozzjoni. Fuq kollox naraw ukoll bosta Papiet li b'mod uffiċjali ħaddnu u saħħew din it-talba. Fl-aħħar naraw ukoll kemm din it-talba hi għażiża għall-Madonna fejn fid-dehriet li seħħew uriet ix-xewqa tagħha li kulħadd jgħid kuljum din it-talba bħala arma ta' salvazzjoni.

**Ħames Ħobżiet u Żewġ Ħutiet.**
Bijografija tal-Kardinal Vietnamita Nguyen Van Franciscus Saverius Thuan
Dr. Nazzareno Azzopardi.

Il Kardinal Nguyen Van F S Thuan twieled fis-sena 1928 u ġie ordnat saċerdot f'Ruma fl-1948. Mexxa s-Soċjetà COREV (ekwivalenti għall-KARITAS) u minħabba li kien jikkorispondi mal-Istati Uniti għal ġbir ta' fondi, safa arrestat mill-Gvern Komunista. Bla ma ressquh quddiem Qorti għadda 13-il sena ħabs fejn kiteb il-ktieb 'Ħames Ħobżiet u Żewġ Ħutiet'. Hekk iġib l-isem il-Programm dwar il-ħajja ta' dan l-isqof, li imbagħad ġie meħlus b'kundizzjoni ta' eżilju minn pajjiżu u sar Kardinal fl-2001 minn Papa Ġwanni Pawlu II. F'dan il-programm nidħlu iktar fil-fond fil-ħajja u l-ispiritwalità ta' dan il-Kardinal.

**Il-Qdusija fl-Ekumeniżmu**
Qaddisin minn Tradizzjonijiet Insara Differenti
Dorianne Buttigieg.

L-eżempju tal-qaddisin huwa importanti ħafna fil-ħajja tan-Nisrani. Huwa mezz sabiex il-Knisja ta' Kristu fuq din l-art timxi f'komunità fi triqitha lejn il-glorja tat-tieni manifestazzjoni ta' Kristu. Però, ftit huma familjari mal-fatt li jeżistu wkoll ħafna qaddisin minn tradizzjonijiet Insara barra mill-Knisja Kattolika.

Dawn l-eżempji ta' nies li ġejjin minn ambjenti u ċirkustanzi differenti juruna r-rikkezza ta' qdusija fi ħdan il-Knisja ta' Kristu. Filwaqt li, sfortunatament, il-Knisja ta' Kristu għadha mifruda frott l-iskandlu tad-dnub, dawn il-qaddisin minn tradizzjonijiet differenti, sew Ortodossi, sew Luterani u ta' denominazzjonijiet oħra, indirettament jgħaqqdu flimkien il-komunità Nisranija frott l-eżempju tal-ħajja erojka tagħhom.

# Ftit mill-programmi ġodda li ser jixxandru fl-iskeda tal-ħarifa 2019



*Ftit huma familjari mal-fatt li jeżistu wkoll ħafna qaddisin minn tradizzjonijiet Insara barra l-Knisja Kattolika.*







*Nġeddu l-memorji u t-tifkiriet tal-imgħoddi.*



*Dan il-programm se jerġa' jittratta fuq il-kultura ta' Franza fejn se nsemmu l-ikel, id-drawwiet u l-monasteri wkoll.*




*Nisimgħu mużika Maltija li baqgħet memorabbli u li ma tispiċċa qatt.*

**Kelma ta' Wens**

Fr. Philip Cutajar OFM cap.

Programm ta' sagħtejn imżewwaq bi stejjer b'tagħlima, valuri umani u morali, esperjenzi, informazzjoni dwar ġrajjiet u ċelebrazzjonijiet kurrenti mħallta ma' mumenti ta' mużika u ħafna aktar. Programm fejn intom is-semmiegħa tistgħu twasslu l-opinjoni, l-esperjenzi u r-riflessjonijet tagħkom dwar is-suġġeti li jkunu qed jiġu ttrattati permezz tat-telefonati. Jixxandar kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00 u l-11.00 ta' billejl u ser ikun f'idejn Fr. Philip Cutajar, kapuċċin flimkien ma' Sister Antonia Bugeja Soru tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

**O Żmien Ħelu**

Evan Chetcuti.

Kemm nostalġija u tifkiriet meta niftakru fiż-żmien tal-imgħoddi. O Żmien Ħelu huwa programm ġdid li se jġedded diversi tifkiriet fejn flimkien se nerġgħu ngħixu l-memorji ta' tfulitna. Memorji ta' fejn konna mmorru nid-devertu, il-mezzi tat-trasport li konna nużaw, il-belt jew raħal fejn trabbejna, l-ikel tradizzjonali Malti u tant memorji oħra.

Biex jgħinuna nġeddu l-memorji u t-tifkiriet tal-imgħoddi se jkollna diversi mistiedna fl-istudjo, intervisti ma' nies anzjani flimkien ma' minjiera ta' informazzjoni oħra. Bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Evan Chetcuti dan il-programm se jkun qed jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn l-4:00pm u l-5:00pm.

**Jien – Int – Aħna - Flimkien**

Claudia Cini.

F'għeluq il-mitt sena mill-ittra Appostolika Maximum Illud tal-Papa Benedittu XV, il-Papa Franġisku sejjaħ ix-xahar Missjunarju Straordinarju biex jiġi ċċelebrat f'Ottubru 2019. U għal din l-okkażjoni, Missio Malta se jtella' l-programm Jien – Int – Aħna -Flimkien. Ippreżentat min Claudia Cini, il-programm se jinkludi intervisti, aħbarijiet mill-missjoni, kurżitajiet, rakkonti u ħafna aktar. Programm li għandu jinteressa lil kulħadd. Jixxandar il-Ħamis fil-11am.

**L-Aħwa Wasalna?**

Steve Portelli.

Il-Programm L-Aħwa wasalna?, huwa mtella' mil-komunità Lejn il-Missier , li ilha attiva għal dawn l-aħħar għoxrin sena.
Matul din l-iskeda si jiġu ttrattati diversi temi, li jolqtu direttament il-Fidi tagħna, minn perspettivi differenti u bl-għajnuna tal-Kelma t'Alla se naraw kif Alla lest li jidħol f'kull sitwazzjoni biex jibdilha f'opportunità ta' trasformazzjoni biex naslu fil-mixja għas-Salvazzjoni.

**Il-Monasteri fi Franza**

Alison Abela.

Bonjour! Jirritorna wara sena il-programm MONASTERI FI FRANZA. Waqt li nkomplu nżuru l-monasteri, nittrattaw il-kultura ta' Franza fejn se nsemmu l-ikel u d-drawwiet. Nistednukom biex terġgħu tingħaqdu ma' Alison Abela, kull nhar ta' Ġimgħa fl-4:00pm.

**Għand in-Nutar**

In-Nutar Joe Tabone.

F'dan il-programm in-Nutar Joe Tabone kull nhar ta' Tlieta fit-3.20pm se jkun qed jagħti tagħrif fuq diversi suġġetti li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' Nutar Pubbliku u d-drittijiet taċ-ċittadin f'dan il-qasam.

Il-programm ikollu ħin ta' kuntatt dirett jew tista' tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek, lin-Nutar, Radju Marija, 40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta.

**Jigsaw Puzzle**

Antoinette Caruana u Mary Scerri.

Programm li jixxandar dirett għas-semmiegħa ċkejkna ta' Radju Marija. Taħlita ta' tagħrif ġenerali, mużika, ċajt, rakkonti u telefonati mat-tfal. Ippreżentat minn Antoinette Aquilina u Mary Scerri. Kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.30pm.

**Viva Malta**

Darren Gatt.

Programm li jitkellem fuq mużika Maltija tal-imgħoddi u ta' żmienna. Niltaqgħu mhux biss ma' kantanti imma wkoll ma' awturi diversi. Ħin ta' mistrieħ ma' talent Malti ta' kull żmien. Nisimgħu mużika Maltija li baqgħet memorabbli u li ma tispiċċa qatt u iftakru f'oħrajn li ilna ma nisimgħu. Inkomplu napprezzaw it-talent kbir li jinsab fil-gżira żgħira tagħna.




# Nilqgħuk f'Radju Marija!







## Formola Kalendarju 2020

| | | |
|---|---|---|
| | | Prezz 4.50€ Posta 1.65€ |
| Jien hawn taħt iffirmat qed nibgħat *cheque/money order* ta' | € | Kwantità |
| Isem u Kunjom | | |
| Indirizz | | |
| | | Kodiċi Postali |
| Tel No. | Mobile | |
| Firma: | | |

Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230**

Fir-Reception ta' Radju Marija wieħed isib jixtri artikli reliġjużi għal kull okkażjoni. Aħseb kmieni għall-Milied!

Jekk jogħġbok tista' tgħinna billi tqassam il-fuljett ta' Radju Marija fit-triq tiegħek? Jekk iva ċempel 21453105 u staqsi għall-Promotriċi, Maria Aquilina.

Ħinijiet tal-Uffiċju:
Mit-Tnejn sal- Ġimgħa 09.00am – 5.00pm.
Is-Sibt 09.00am – 3.00pm.
Ħdud u Festi MAGĦLUQIN.
40, Triq San Vinċenz Ferreri. Rabat.

### Breakfast, Tombla u Kunċert

Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019,
Fid-db San Antonio Hotel, Buġibba mid-9:45am san-12:30p.m.
Prezz: €18, li jinkludi Full Breakfast Buffet, Trasport u kunċert minn 'Bromley High School Jazz Orkestra and Choir' mir- Renju Unit.

Trasport minn ħdejn il-Knisja ta' kull lokalità: *Minn Ħaż-Żabbar, Ħal Kirkop u l-inħawi fit-8:30am. * Minn Santa Venera, il-Belt, il-Ħamrun, San Ġiljan, Sliema, Ħad-Dingli, ir-Rabat u l-inħawi fid-8:45am *Mill-Mosta, in-Naxxar u l-Mellieħa fid-9:00a.m. *Minn San Pawl u Buġibba fid-9:15a.m.

Għal aktar informazzjoni ċempel lill Promotriċi Maria fuq 21453105.

Maratona b'risq Radju Marija
Għinuna nkomplu b'dan il-proġett tant għal qalb Marija
Is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 t'Ottubru 2019
mit-8am sas-6pm
Niltaqgħu!

Ingħaqad magħna fit-talb kull nhar ta' Tnejn għal Quddiesa f'12.00pm fil-Kappella ta' Radju Marija (40, Triq San Vinċenz Ferreri. Rabat.)

Quddiesa u Adorazzjoni mill-11am sas-1pm kull l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar fil-kappella ta' Radju Marija.







**Radju Marija se jibda jżur parroċċa kull xahar.**

**Is-Sibt 28 ta' Settembru**
Marsaxlokk: Madonna ta' Pompej: Quddies fil-5:30pm u fis-7:00pm.



**Is-Sibt 9 ta' Novembru**
Birkirkara: San Ġużepp Ħaddiem : Quddies fil-5.00pm u fis- 6:30pm (Fr. Antoine ikun fis-sagristija waqt il-quddiesa tal-5.00pm u wara jiċċelebra l-quddiesa tas-6.30pm.)

**Is-Sibt 30 ta' Novembru**
Birkirkara: Santa Tereza tal-Bambin Ġesu. Birkirkara. Quddies fil-5:30pm u fis-6:30pm.



Aqta' u ibgħat

**Trid tkun magħdud fil-Mailing List ta' Radju Marija? Imla' il formola u ibgħatha.**

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom | |
| Indirizz | |
| | Kodiċi Postali |
| Tel No. | Mobile |
| Firma: | |

Radju Maria takes your privacy very seriously and is committed to protecting your personal information. Any information of a personal nature you provide us is used and kept secure by the privacy policy adopted by Radju Maria. It applies wherever we collect your personal data (including when you use our website or other digital platforms).

Radju Marija jieħu l-privatezza tiegħek bis-serjetà u jaċċerta li jipproteġi l-informazzjoni personali tiegħek. Kull informazzjoni li inti tipprovdilna fuqek tiġi wżata u miżmuma skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u din il-protezzjoni tiġi applikata kull darba li niġbru informazzjoni ta' natura personali (inkluż meta inti tuża l-websajt tagħna u/jew pjattaformi diġitali oħra skont il-każ).

Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230**



# Kif tista' tgħin lil **Radju Marija finanzjarjament:**

- Billi tagħti donazzjoni fir-reception ta' Radju Marija, 40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat, Malta
- Billi tagħti donazzjoni fil-Catholic Bookshop l-Pjazza ta' Raħal Ġdid, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Librerija Preca, Blata l-Bajda.
- Billi tibgħat ċekk jew money order bil-posta, pagabbli lil Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat, RBT 1230
- Tista' tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-banek APS, HSBC u BOV:

**Assoċjazzjoni Radju Marija**

**APS IBAN:**
**MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148**
**A/C ACCOUNT NO: 20000834 14-8**

**HSBC IBAN:**
**MT05MMEB44587 000000058030875050**
**A/C ACCOUNT NO: 058-030875-050**

**BOV IBAN:**
**MT09VALL2201 30000000 14609142012**
**A/C ACCOUNT NO: 14609142012**

Dejjem ara li tingħata rċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.

Permezz ta' SMS tista' tagħti donazzjoni ta' €4.66 billi tibgħat SMS fuq in-numru 50618063

jew inkella tibgħat SMS fuq 50619278 għal donazzjoni ta' €11.65.

# Servizzi offruti minn **Radju Marija**

**Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija**

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa; fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Sibt fit-8.00am biss. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu preżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll il-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

**Avviżi komunitarji mxandra kuljum**

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività.

Dawn għandhom jintbagħtu b'email fuq **info.mal@radiomaria.org.**

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

L-istudjos il-ġodda ta' Radju Marija jinsabu f'numru

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat**

Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230**

Telefon uffiċċju: **21453105**

Telefon *live studio*: **21453106**

SMS studio: **79791023**

Indirizz elettroniku: **info.mal@radiomaria.org**

Websajt: **www.radjumarija.org**

jew sibna fuq: **Radju Marija Malta**

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

